



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.2.2017
COM(2017) 78 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar progress li sar u defiċits li jfdal fil-Kapaċità Ewropea għal Reazzjoni f'każ ta'
Emerġenza**

Sommarju Eżekuttiv	3
1. Introduzzjoni	4
2. Riżorsi disponibbli għal missjonijiet tal-UE	5
3. Defiċit potenzjalment sinifikanti tal-kapaċità tal-UE li tirrispondi għad-diżastri	5
3.1 Ajruplani tat-tifi tan-nar tal-foresti	5
3.2 Kenn u assistenza relatata	6
4. Tipi ta' riżorsi li jeħtieġu aktar valutazzjoni	6
4.1 Riżorsi meħtieġa f' diżastri kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari	7
4.2 Il-Korp Mediku Ewropew	7
4.3 Sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod	7
4.4 Timijiet ta' komunikazzjoni	8
5. Konklużjoni	8
Anness — Ħarsa ġenerali lejn ir-riżorsi u d-defiċit fl-EERC	10

Sommarju Eżekuttiv

Il-Kapaċità Ewropea għal Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (EERC) inħolqot biex tħejji lill-UE għal għadd kbir ta' diżastri potenzjali. Hija tikkonsisti minn varji riżorsi ta' protezzjoni ċivili, li l-Istati Parteċipanti fil-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili jagħmlu disponibbli għal operazzjonijiet ta' reazzjoni għall-emerġenza tal-UE.

Mill-istabbiliment tal-EERC, 16-il Stat Parteċipanti impenjaw 77 riżorsa (eż. timijiet ta' tiftix u salvataġġ, timijiet mediċi, sistemi għall-purifikazzjoni tal-ilma, eċċ.) li issa huma disponibbli għall-operazzjonijiet tal-UE madwar id-dinja kollha. Ħafna mill-miri tal-EERC, jew “miri ta' kapaċità”, li huma minquxa fil-leġiżlazzjoni tal-UE, għalhekk intlaħqu.

Għadhom jeżistu defiċits jew nuqqasijiet, f'termini ta' riżorsi disponibbli, fir-rigward ta' (1) ajruplani tat-tifi tan-nar tal-foresti u (2) kenn. Jekk hemmx tipi oħra ta' riżorsi disponibbli b'mod suffiċjenti jeħtieġ valutazzjoni ulterjuri. Dan huwa l-każ għal (a) riżorsi meħtieġa f'diżastri kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari, (b) sptarijiet kbar fuq il-post u kapaċitajiet ta' evakwazzjoni medika bħala parti mill-Korp Mediku Ewropew, (c) sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod, u (d) timijiet ta' komunikazzjoni. Uħud mill-miri ta' kapaċità attwali jistgħu wkoll jeħtieġu li jkunu riveduti sabiex iqisu l-valutazzjonijiet tar-riskju u l-esperjenza operazzjonali li qed jinbidlu.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Parteċipanti biex jindirizzaw id-defiċit li jifdal fl-EERC u biex jappoġġaw b'mod attiv il-proċess tar-rieżaminazzjoni u possibbilment jadattaw u/jew jikkomplementaw il-miri ta' kapaċità tal-EERC attwali fl-2017.

1. Introduzzjoni

F'dinja ta' riskji li dejjem jiżdiedu, l-UE trid tkun ippreparata biex tirrispondi għal għadd kbir ta' diżastri potenzjali. Il-Kapaċità Ewropea għal Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (EERC) ġiet stabbilita fil-qafas tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM) fl-2013 sabiex ittejjeb il-livell ta' tħejjija tas-sistemi ta' protezzjoni ċivili fl-Unjoni.¹ Għall-ewwel darba, l-Istati Parteċipanti tal-UCPM jistgħu jagħmlu disponibbli firxa ta' assi bħala reazzjoni għall-emerġenza għal użu immedjat bħala parti mill-operazzjonijiet tal-UE. Billi jirreġistraw l-assi nazzjonali fl-EERC, l-Istati Parteċipanti jimpenjaw ruħhom li jkunu disponibbli għall-operazzjonijiet ta' reazzjoni tal-UE wara talba għall-għajnuna permezz taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni għal Rispons ta' Emerġenza tal-Kummissjoni.

L-EERC hija waħda mill-innovazzjonijiet prinċipali tal-aħħar reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-protezzjoni ċivili tal-UE. Hija rriżultat minn ċaqliq minn sistema ta' koordinazzjoni pjuttost reattiva u *ad hoc* għal organizzazzjoni iktar prevedibbli, ipplanata minn qabel u koerenti tar-reazzjoni għal diżastri tal-UE. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-effettività ġenerali tal-UCPM, partikolarment f'dak li jirrigwarda koordinament tar-reazzjoni mad-diżastri, riċentement ġiet imfaħħra mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.²

L-EERC intlaqgħet b'mod tajjeb u kibret rapidament mit-tnedija tagħha f'Ottubru 2014. Minn Ottubru 2016, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja (jiġifieri s-16-il Stat Parteċipanti fil-UCPM) kollha impenjaw riżorsi tal-protezzjoni ċivili lill-EERC.³ Biex tiżgura li dawn ir-riżorsi huma ta' kwalità għolja, il-Kummissjoni tmexxi proċess ta' ċertifikazzjoni dedikat.⁴ It-tipi u n-numri ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni prinċipali li huma meħtieġa mill-EERC biex tkun tista' taħdem b'mod effettiv, huma msejħa "miri tal-kapaċità" tal-EERC. Dawn ġew determinati abbażi ta' riskji ta' diżastru identifikati u l-idoneità tagħhom hija perjodikament vvalutata mill-Kummissjoni u l-Istati Parteċipanti.⁵ Minħabba li l-miri tal-kapaċità huma meqjusa bħala valuri minimali, fl-EERC jistgħu jiġu rreġistrati għadd oġhla ta' riżorsi.

Sabiex l-UE tkun lesta li tiffaċċja d-diżastri, hija trid tevalwa kritikament il-kapaċità tagħha li tirreaġixxi. Dan ir-rapport iqis il-progress li sar lejn il-kisba tal-miri ta' kapaċità tal-EERC u jivvaluta t-tifsira tad-defiċit ta' kapaċità tar-reazzjoni li jifdal. Dan ir-rapport mhux limitat li jwettaq biss paragun numeriku ta' miri u kisbiet, iżda jfassal ukoll fuq esperjenza miksuba fil-UCPM matul l-aħħar sentejn. Tal-aħħar jissuġġerixxi li r-reviżjoni jew l-adattament tal-miri ta' kapaċità huma neċessarji fit-terminu medju.

¹ Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, l-Artikolu 11.

² Ara r-Rapport Speċjali 33/2016 dwar "Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili" ppubblikat fit-18 ta' Jannar 2017.

³ Ara l-anness għad-dettalji.

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/762/UE, l-Artikolu 16.

⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/762/UE, l-Artikolu 14.

2. Riżorsi disponibbli għal missjonijiet tal-UE

Bejn it-tnedija tal-EERC f'Ottubru 2014 u d-data limitu maqbula għall-għanijiet ta' dan ir-rapport (l-1 ta' Ottubru 2016), 16-il Stat Parteċipanti impenjaw total ta' 77 kapaċità ta' reazzjoni lill-EERC.⁶ Dawn jinkludu moduli tal-protezzjoni ċivili, timijiet ta' assistenza teknika u ta' appoġġ, kif ukoll kapaċitajiet oħra ta' reazzjoni. Bl-impenn ta' dawn ir-riżorsi, ħafna mill-miri ta' kapaċità tal-EERC intlaħqu. Fl-anness hija provduta ħarsa dettaljata (kolonni 2-3).

Biex tiġi determinata l-eżistenza ta' kwalunkwe defiċit fil-kapaċità tal-UE li tirispondi għad-diżastri fl-oqsma li fihom il-miri ta' kapaċità tal-EERC għadhom (s'issa) ma ġewx sodisfatti, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Parteċipanti biex jidentifikaw xi riżorsi addizzjonali barra mill-EERC li jistgħu jkunu faċilment disponibbli għal missjonijiet tal-UE. L-informazzjoni⁷ ġiet provduta minn 27 pajjiż u fl-anness hija provduta deskrizzjoni dettaljata (kolonna 4).

Meta r-riżorsi minn barra l-EERC ikunu disponibbli biex jimlew id-defiċit ġewwa l-EERC, dan ir-rapport jikkonkludi li ma jkun hemm l-ebda defiċit fil-kapaċità globali tal-UE biex tirreaġixxi. Għandu jiġi nnutat, madankollu, li r-riżorsi minn barra l-EERC jipprovdu inqas garanziji li jirrigwardaw id-disponibbiltà u l-kwalità tagħhom minn riżorsi reġistrati fl-EERC. Moduli reġistrati fl-EERC iridu jkunu disponibbli għal tluq/operazzjonijiet fil-pajjiż milqut f'għadd determinat ta' sigħat, u jenħtieġu jgħaddu minn proċess ta' ċertifikazzjoni li jinkludi rieżaminazzjonijiet ta' dokumenti, taħriġ u eżerċizzji. Dan ma jistax jiġi garantit għal riżorsi minn barra l-EERC.

3. Defiċit potenzjalment sinifikanti tal-kapaċità tal-UE li tirispondi għad-diżastri

Matul l-ewwel sentejn ta' eżistenza tagħha, l-EERC ġiet użata b'suċċess biex tirispondi għall-kriżi tal-Ebola fl-Afrika tal-Punent (2014), għan-nirien fil-foresti tal-Greċja (2015), għan-nirien fil-foresti ta' Ċipru, ta' Franza u tal-Portugall (2016), għat-terremot tal-Ekwador (2016), għat-tifqigħa tad-deni l-isfar fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (2016) u għall-Urgan Matthew fil-Haiti (2016). Madankollu, saru evidenti ċerti nuqqasijiet. Il-Kummissjoni identifikat żewġ defiċits potenzjalment sinifikanti: l-ajruplani tat-tifi tan-nar tal-foresti, kif ukoll il-kenn u l-għajnuna relatata.

3.1 Ajruplani tat-tifi tan-nar tal-foresti

Ir-riskju tan-nirien fil-foresti jiddependi minn ħafna fatturi, bħall-kundizzjonijiet klimatiċi, il-veġetazzjoni, il-prattiki tal-ġestjoni tal-foresti eċċ. Fl-UE, in-Nofsinar u x-Xlokk tal-Ewropa ġeneralment huma l-aktar f'riskju, għalkemm ġew affettwati reġjuni oħra wkoll fl-aħħar snin

⁶ Sabiex tqis id-dewmien biex tiġi finalizzata r-reġistrazzjoni tar-riżorsi, dan ir-rapport iqis ukoll bħala "reġistrati" dawk ir-riżorsi li għalihom ġiet riċevuta applikazzjoni għar-reġistrazzjoni mill-Kummissjoni fi żmien l-iskadenza, iżda li għalihom il-proċess ta' reġistrazzjoni għadu ma ġiex finalizzat. Is-suppożizzjoni sottostanti hija li r-riżorsi kollha eventwalment se jiġu rreġistrati, għalkemm xi uħud jistgħu jeħtieġu għotjiet ta' adattament biex jikkonformaw mal-kriterji tal-kwalità tal-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/762/UE. Riżorsi reġistrati formalment bħalissa jirrappreżentaw biss 20 % tas-77 riżorsa elenkati fl-anness. It-80 % li jifdal huma riżorsi li għalihom inbeda l-proċess ta' reġistrazzjoni. Riżorsi li ġew impenjati politikament mill-Istati Parteċipanti iżda li għalihom ma tressqet l-ebda formola ta' applikazzjoni sal-1 ta' Ottubru 2016 mhumiex meqjusa fil-proċess ta' identifikazzjoni tad-defiċit attwali, peress li ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli dwar l-aspetti tekniċi, il-kundizzjonijiet, il-puntwalità u l-adeqwatezza tagħhom.

⁷ L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Iżlanda, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Montenegro, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Polonja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, u r-Renju Unit.

(eż. Västmanland, l-Iżvezja, 2014), u n-numru u l-firxa tan-nirien tal-foresti jistgħu jvarjaw b'mod konsiderevoli minn sena għall-oħra, skont il-kundizzjonijiet meteoroloġiċi staġonali.

Il-mira ta' kapaċità inizjali fl-EERC għal moduli tat-tifi tan-nar tal-foresti bl-użu ta' ajruplani ġiet stabbilita għal tnejn. Franza sussegwentement irreġistrat modulu wieħed. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kofinanzjat inġenju tal-ajru tat-tifi tan-nar operat mill-Italja bħala "kapaċità mewwieta" matul l-istaġun tan-nirien tal-foresti tal-2016. Dan fisser li l-inġenju tal-ajru kien parti mill-EERC matul is-sajf tal-2016 u l-Kummissjoni ffinanzjat l-ispejjeż ta' stand-by sabiex tkun żgurata d-disponibbiltà tiegħu f'każ ta' diżastri kbar. Iż-żewġ assi kienu utli ferm.

Madankollu, l-avvenimenti matul is-sajf tal-2016 - u b'mod partikolari n-nirien tal-foresti fil-Portugall - urew il-ħtieġa operazzjonali u s-sinifikat politiku li jkun hemm iktar ajruplani tat-tifi tan-nar tal-foresti disponibbli fl-EERC. Il-Portugall talab assistenza permezz tal-UCPM fi żmien meta l-flotta kollha ta' ajruplani Franċiżi tat-tifi tan-nar tal-foresti (inkluż il-modulu reġistrat fl-EERC) kienet barra mis-servizz għal raġunijiet tekniċi u l-inġenju tal-ajru bafer tal-EERC kien użat f'Korsika. Għalkemm l-inġenju tal-ajru bafer tal-EERC ġie dirett mill-ġdid minn Korsika lejn il-Portugall, in-nuqqas ġenerali ta' ajruplani tat-tifi tan-nar permezz tal-UCPM ġie għel lill-Portugall jaċċetta assistenza mill-Marokk (żewġ Canadairs) u r-Russja (żewġ Berievs).

Għalhekk il-moduli tat-tifi tan-nar tal-foresti bl-użu ta' ajruplani huwa identifikat bħala defiċit sinifikanti potenzjali u l-Kummissjoni tteġġegħ lill-Istati Parteċipanti biex jieħdu passi biex tkopriha.

3.2 Kenn u assistenza relatata

Il-mira ta' kapaċità tal-EERC għall-kenn hija żewġ kampijiet temporanji ta' emerġenza u 100 unità ta' kapaċità tal-kenn addizzjonali, kif ukoll 6 kits tal-kenn addizzjonali. Madankollu attwalment ma hemm l-ebda kamp temporanju ta' emerġenza u unità waħda biss ta' kapaċità tal-kenn reġistrata fl-EERC. Barra mill-EERC, jidher li wkoll hemm flit għajnuna disponibbli relatata mal-kenn (ara l-anness).

Barra minn hekk, matul il-kriżi tar-refuġjati/migrazzjoni fl-Ewropa sar rapidament ċar li huwa diffiċli li tipprovdi l-kenn meta l-Istati Parteċipanti kollha jkunu taħt pressjoni fl-istess ħin. L-istokks tal-gvern malajr ġew eżawriti u fl-ogħla punt tal-kriżi, is-suq kummerċjali Ewropew kien taħt pressjoni qawwija, li rriżulta f'dewmien sinifikanti fil-konsenja ta' kontejners u żieda fil-prezzijiet. Il-kooperazzjoni mal-militar ġabet biss għajnuna parzjali.

Il-kapaċità li jimmobilizzaw malajr għajnuna kbira ta' kenn hija kritika f'varjetà ta' xenarji li huma karatteristika fil-profilu tar-riskju tal-Istati Parteċipanti. Assistenza reċiproka volontarja fuq bażi *ad hoc* tista' ma tkunx l-aktar mod effettiv u kosteffiċjenti biex jiġi żgurat aċċess għal dawn il-kapaċitajiet, b'mod partikolari meta dawn huma meħtieġa minn bosta Stati Parteċipanti fl-istess ħin.

Għalhekk il-Kummissjoni identifikat kenn u assistenza relatata bħala defiċit sinifikanti potenzjali u l-Istati Parteċipanti huma mistiedna jibdew diskussjonijiet dwar l-aħjar mod biex jindirizzawha.

4. Tipi ta' riżorsi li jeħtieġu aktar valutazzjoni

F'ċerti każijiet, tenħtieġ valutazzjoni ulterjuri dwar jekk hemmx tipi oħra ta' riżorsi disponibbli b'mod suffiċjenti. Dan huwa l-każ għal riżorsi meħtieġa f'diżastri kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari (CBRN); sptarijiet kbar fuq il-post u kapaċitajiet ta'

evakwazzjoni medika bħala parti mill-Korp Mediku Ewropew; sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod; u timijiet ta' komunikazzjoni.

4.1 Riżorsi meħtieġa f'diżastri kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari

L-UE trid tkun mgħammra biżżejjed biex tittratta diżastri kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari. Iż-żieda riċenti f'attivitajiet terroristiċi fl-Ewropa u fil-madwar tista' tiġġustifika rieżami futur tal-miri ta' kapaċità fil-qasam ta' diżastri CBRN.

Bħalissa ma hemmx biżżejjed kapaċità reġistrata fl-EERC għas-sostenn ta' operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ f'ambjent ikkontaminat, u lanqas għar-rispons għal inċidenti li jeħtieġu d-dekontaminazzjoni ta' pazjenti esposti għal aġenti CBRN. Madankollu, l-Istati Parteċipanti infurmaw lill-Kummissjoni li hemm riżorsi suffiċjenti disponibbli minn barra l-EERC.

Il-Kummissjoni tistieden l-Istati Parteċipanti biex ikomplu jirreġistraw dawn it-tipi ta' assi fl-EERC u jinvolvu ruħhom f'diskussjonijiet dwar l-adeqwatezza tal-miri ta' kapaċità attwali.

4.2 Il-Korp Mediku Ewropew

Il-kriżi tal-Ebola kienet tfakkira dwar il-ħtieġa li jiġu żviluppatti aktar il-kapaċitajiet Ewropej biex jindirizzaw it-tifqigħat tal-mard u l-konsegwenzi tad-diżastri fuq is-saħħa. F'dan ir-rigward tinsab għaddejja ħidma fil-kuntest tal-Korp Mediku Ewropew, li jiġbor flimkien it-timijiet u l-moduli kollha mediċi u tas-saħħa pubblika u fl-EERC.

Il-miri ta' kapaċità għall-Korp Mediku Ewropew għadhom ma ġewx definiti biżżejjed. Pereżempju, għad ma hemm l-ebda miri ċari għal timijiet mediċi ta' emerġenza peress li l-UE qiegħda fil-proċess ta' tranżitu lejn il-klassifikazzjoni ta' timijiet mediċi ta' emerġenza tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa f'tipi 1, 2 u 3. Madankollu, hemm indikazzjonijiet li l-Istati Parteċipanti jistgħu jiffaċċjaw defiċit ta' kapaċità fir-rigward ta' sptarijiet kbar fuq il-post (jiġifieri timijiet mediċi ta' emerġenza, tip 3).

Barra minn dan ta' hawn fuq, ta' min jinnota li jista' jkun hemm spejjeż operazzjonali sostanzjali matul użu fit-tul ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni tqal bħal timijiet mediċi ta' emerġenza (tipi 2 u 3), faċilitajiet ta' laboratorju mobbli, u l-kapaċitajiet ta' inġinerija meħtieġa biex jappoġġaw sptarijiet fuq il-post. Dawn l-ispejjeż bħalissa mhumiex eliġibbli għal kofinanzjament mill-UE taħt il-UCPM, u xi Stati Parteċipanti konsegwentement żammew lura milli jirreġistraw l-assi tagħhom fl-EERC.

Fir-rigward ta' riżorsi ta' evakwazzjoni medika, numru ta' ajruplani u ħelikopters huma disponibbli minn ġewwa u minn barra l-EERC. Madankollu, ir-riskju ta' avvenimenti ta' diżgrazzji tal-massa, jixhed għal għadd akbar ta' assi disponibbli. Id-diversità ta' sitwazzjonijiet fejn jistgħu jkun meħtieġa assi ta' evakwazzjoni medika titlob ukoll li ssir reviżjoni ta' tipi ta' kapaċitajiet ta' evakwazzjoni medika kif definita fil-UCPM. Is-sistema ta' evakwazzjoni medika għal pazjenti tal-Ebola, pereżempju, ġiet żviluppata biss fl-oġġla livell tal-emerġenza.

Il-Kummissjoni għalhekk tistieden lill-Istati Parteċipanti biex jappoġġaw ir-reviżjoni tar-rekwiżiti u l-miri ta' kapaċità għal moduli MEVAC⁸ u l-assi ta' evakwazzjoni medika.

4.3 Sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod

L-innovazzjoni teknoloġika tista' żżid l-effikaċja u l-effiċjenza ta' operazzjonijiet tal-protezzjoni ċivili, inkluż permezz tal-UCPM. Innovazzjoni bħal din huma d-drones, magħrufa wkoll bħala Sistemi ta' Inġenji tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod (RPAS). Xi Stati Parteċipanti

⁸ Mevac: Evakwazzjoni medika mill-ajru tal-vittmi tad-diżastru.

diġà jużaw l-RPAS f'operazzjonijiet ta' protezzjoni ċivili domestiċi u internazzjonali, iżda kien hemm biss ftit każijiet li l-RPAS intużaw f'missjonijiet tal-UCPM s'issa, u l-ebda unità RPAS ma ġiet irreġistrata fl-EERC. L-unitajiet tal-RPAS jistgħu, fost affarijiet oħra, jappoġġaw missjonijiet ta' valutazzjoni, operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, kif ukoll tifi tan-nar tal-foresti.⁹ Kull waħda minn dawn it-tipi ta' missjonijiet teħtieġ li l-unitajiet tal-RPAS ikollhom kapaċitajiet speċifiċi u li jissodisfaw settijiet distinti ta' kriterji ta' kwalità.

Il-Kummissjoni għalhekk tistieden lill-Istati Parteċipanti biex jappoġġaw ir-reviżjoni tal-entrata "Timijiet b'vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ" u biex jirriflettu dwar l-adeqwatezza li tiġi żviluppata f'għadd ta' moduli ta' RPAS differenti b'miri ta' kapaċità distinti.

4.4 Timijiet ta' komunikazzjoni

L-EERC tippreżenta differenza numerika (-2) dwar timijiet jew pjattaformi ta' komunikazzjoni biex jerġgħu jiġu stabbiliti malajr il-komunikazzjonijiet f'żoni remoti. Madankollu, il-Kummissjoni għandha informazzjoni li xi Stati Parteċipanti għandhom dawn ir-riżorsi mingħajr ma indikaw dan espliċitament għall-fini ta' dan ir-rapport. B'konsegwenza ta' dan, se jkun hemm bżonn ta' aktar informazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' dan it-tip ta' riżorsa.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Parteċipanti biex jew jirreġistraw assi addizzjonali fl-EERC jew jirriflettu dwar l-adeqwatezza ta' din il-mira ta' kapaċità.

5. Konklużjoni

Sar progress tajjeb lejn il-kisba tal-miri ta' kapaċità inizjali tal-EERC, iżda dan ir-rapport juri li l-kapaċità tal-UE li tirreaġixxi għad-diżastri xorta tista' tkun għadha insuffiċjenti fir-rigward ta' (1) ajruplani tat-tifi tan-nar tal-foresti u (2) il-kenn u l-assistenza relatata.

Barra minn hekk, hemm bżonn ta' analiżi aktar profonda f'ċerti oqsma biex tivvaluta jekk hemmx defiċit potenzjalment sinifikanti fil-kapaċità tal-UE li tirrispondi, jew jekk ċerti miri ta' kapaċità kif definiti fil-leġiżlazzjoni attwali jeħtieġu li jiġu riveduti. Dan ikun il-każ għal dawn it-tipi ta' riżorsi: (a) timijiet għal tiftix u salvataġġ urban f'kundizzjonijiet CBRN, kif ukoll timijiet ta' dekontaminazzjoni tas-CBRN, (b) sptarijiet fuq il-post u kapaċitajiet ta' evakwazzjoni medika (c) sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod, u (d) timijiet ta' komunikazzjoni.

Biex tgħin li tkun żgurata d-disponibbiltà suffiċjenti ta' riżorsi ewlenin, il-Kummissjoni ħarġet sejħa oħra għal proposti għal kapaċitajiet mewwieta fl-2017. Hija tkopri l-kapaċitajiet ta' reazzjoni fl-oqsma tat-tifi tan-nar tal-foresti bl-użu ta' ajruplani, kapaċitajiet ta' kenn, vetturi tal-art mingħajr ekwipaġġ għal diżastri CBRN, servizzi mediċi ta' emerġenza, sistemi tal-ajru ppilotati mill-bogħod, kif ukoll trażżin ta' għargħar¹⁰.

⁹ F'Jannar 2016 il-Kummissjoni organizzat sessjoni ta' ħidma tal-esperti dwar l-użu tal-RPAS f'operazzjonijiet tal-protezzjoni ċivili. Din is-sessjoni ta' ħidma kkonkludiet li t-teknoloġija tal-RPAS tista' tkun utli biex tappoġġa diversi missjonijiet ta' ġestjoni tad-diżastri. F'Ġunju 2016, il-grupp ta' esperti dwar moduli tal-protezzjoni ċivili (imwaqqaf mill-Kumitat għall-Protezzjoni Ċivili) ikkonkluda li tliet tipi ta' missjonijiet huma ta' prijorità għall-UCPM: RPAS b'appoġġ ta' missjonijiet ta' valutazzjoni, RPAS b'appoġġ ta' operazzjonijiet ta' tftix u salvataġġ, u RPAS b'appoġġ għat-tifi tan-nar tal-foresti. Il-grupp qabel ukoll dwar lista ta' rekwiżiti ta' kwalità għal unitajiet tal-RPAS li għandha tkun reġistrata fl-EERC.

¹⁰ Il-kapaċità ta' reazzjoni disponibbli biex tindirizza r-riskju ta' għargħar fl-Ewropa hija ġeneralment tajba. Madankollu, ir-riskju ta' għargħar irid jiġi kkunsidrat ukoll mil-lenti tal-post ġeografiku u l-kategorija ta' riskju. Minkejja d-disponibbiltà ġenerali, il-kapaċità ta' reazzjoni għall-għargħar tista' fil-fatt ma tkunx disponibbli f'ċerti żoni. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda informazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' tagħmir ta' trażżin ta'

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Istati Parteċipanti jindirizzaw id-defiċit li jifdal li għalihom ma hemmx kapaċità disponibbli fil-livell nazzjonali, f'diversi modi, pereżempju billi:

- jiffurmaw konsorzji konġunti u jiżviluppaw moduli konġunti,
- jesploraw arranġamenti kuntrattwali li jagħtu aċċess għal dawn ir-riżorsi,
- jistimulaw aktar riċerka dwar is-suġġett,
- jimlew id-defiċit eżistenti permezz ta' programmi ta' bini ta' kapaċità nazzjonali u tal-UE¹¹, eż. taħt il-kappa tal-fondi strutturali tal-UE.

Finalment, il-valutazzjoni tal-progress li saret u d-defiċit li jifdal fl-EERC huma proċess dinamiku u kontinwu. Il-miri ta' kapaċità tal-EERC jeħtieġu jiġu rieżaminati mill-inqas kull sentejn¹² u l-ewwel rieżami se jkun fl-2017. Dan jista' jirriżulta fid-definizzjoni ta' miri ta' kapaċità ġodda, abbażi ta' valutazzjonijiet nazzjonali tar-riskju, l-esperjenza minn diżastri reċenti, it-tendenzi ġenerali, u sorsi oħra xierqa ta' informazzjoni.

għargħar aktar sofistikat jew innovattiv, bħal sistemi abbażi ta' tubu u sistemi abbażi ta' komponent, li jistgħu jtejbju l-kapaċità ta' reazzjoni tal-EERC. F'termini ta' kategorija ta' riskju, għandu jiġi osservat li l-għargħar għall-għarrieda normalment ikollhom ħinijiet ta' reazzjoni iqsar mill-għargħar tax-xmajjar. Dan jagħmilha aktar diffiċli biex jiġu previsti u biex jingħataw twissijiet bil-quddiem lir-residenti u persuni tal-ewwel intervent.

¹¹ Għandu jiġi nnutat li l-finanzjament permezz tal-UCPM biex jindirizza d-defiċit ta' kapaċità se jibqa' limitat għal finanzjament inizjali ta' massimu ta' 20 % tal-ispejjeż eliġibbli u huwa possibbli biss f'għadd ristrett ħafna ta' każijiet, ara d-Deċiżjoni 1313/2013/UE, l-Artikolu 21(1)(j) u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/762/UE, l-Artikolu 22.

¹² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/762/UE, l-Artikolu 14(2).

Anness — Ħarsa ġenerali lejn ir-riżorsi u d-defiċit fl-EERC


L-ewwel żewġ kolonni tat-tabella jelenkaw “il-moduli”, “it-timijiet ta’ assistenza u appoġġ tekniċi”, u “kapaċitajiet ta’ reazzjoni oħra”, u l-miri ta’ kapaċità tar-rapport għall-konfigurazzjoni tal-bidu tal-EERC kif definit fl-Anness III tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni. It-tabella telenka wkoll il-komponenti tal-Korp Mediku Ewropew, li mhumiex uffiċjalment parti mill-EERC u li għadhom ma ġewx stabbiliti miri ta’ kapaċità għalihom. It-tielet u r-raba’ kolonni jirrapportaw, rispettivament, ir-riżorsi attwalment reġistrati fl-EERC u dawk li mhumiex reġistrati fl-EERC iżda li l-Istati Parteċipanti jistgħu faċilment jagħmlu disponibbli fil-kwantitajiet meħtieġa, fejn ikunu meħtieġa, fil-perjodu ta’ żmien meħtieġ, u għat-tul ta’ żmien meħtieġ. L-aħħar kolonna tippreżenta d-differenza bejn il-miri u l-kapaċità ġenerali fil-livell tal-Istati Parteċipanti u tiġbor fil-qosor ir-rilevanza ta’ defiċit identifikat. Hija tipprovdi l-bażi għal kodiċi magħmul mill-kuluri ta’ aħdar (mira miksuba), oranġjo (ara l-kummenti speċifiċi) u aħmar (defiċit ta’ kapaċità potenzjalment sinifikanti).



= Mira miksuba



= Ara l-kummenti speċifiċi



= Defiċit ta’ kapaċità potenzjalment sinifikanti

	1	2	3	4	5
	<i>Tip ta’ riżorsa</i>	<i>Objettiv inizjali tal-EERC¹³</i>	<i>Riżorsi reġistrati (jew fil-proċess li jiġu reġistrati) fl-EERC</i>	<i>Riżorsi li jistgħu jsiru disponibbli minn barra l-EERC¹⁴</i>	<i>Valutazzjoni ta’ defiċit fil-kapaċità ta’ reazzjoni potenzjalment sinifikanti</i>
	Moduli				
1	Modulu tal-Ippumpjar b’Kapaċità Qawwija	6	BE x1; DE x3; DK x1; FR x2; IT x1; PL x2; SE x1; SK x1; RO x2	AT x2; Baltiċi x1; BE x1; BG x1; CZ x1; DE x5; FR x2; HU x1; IT x1; SI x1	L-ebda defiċit (+ 24)
2	Modulu ta’ Tiftix u Salvataġġ	6	FI x1; GR x2; IT x1;	AT x2; BE x1; BG x1;	L-ebda defiċit (+17)

¹³ Kif definit fl-Anness III tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/762/UE.

¹⁴ Innotta li r-Renju Unit jista’ jagħmel firxa ta’ riżorsi disponibbli li għalihom ma kienx possibbli li ssir stima tal-kapaċità nazzjonali. Għalhekk, għall-iskopijiet ta’ din l-analiżi, ir-riżorsi mhumiex ikkunsidrati. Dawn jinkludu għarfien espert fit-tifi tan-nar, kapaċitajiet ta’ tiftix u salvataġġ urbani b’saħħithom, kif ukoll tagħmir ta’ tiftix u salvataġġ speċjalizzat disponibbli permezz tas-Servizz tan-Nar u tas-Salvataġġ tar-Renju Unit u s-sħab operazzjonali tiegħu, il-kapaċitajiet MEVAC disponibbli permezz tal-Forzi Armati tar-Renju Unit, firxa ta’ kapaċitajiet ta’ reazzjoni marittimi disponibbli permezz tal-UK Maritime and Coastguard Agency tar-Renju Unit u s-sħab operazzjonali tagħha, firxa wiesgħa ta’ għarfien espert fl-ingerija disponibbli kemm permezz ta’ aġenziji tas-settur pubbliku (bħall-Health and Safety Executive, u l-Environment Agency) u tas-settur privat. Ir-Renju Unit għandu wkoll ħażniet kbir ta’ kapaċità tal-kenn miżmuma mid-Dipartiment għall-Iżvilupp Internazzjonali.

	Urban Medju (MUSAR) - 1 għal kundizzjonijiet kesħin		RO x1	EE x1; ES x2; FR x5; HR x1; HU x2; IS x1; LI x1; SI x1.	
3	Modulu ta' Tiftix u Salvataġġ Urban b'Saħħtu (HUSAR)	2	CZ x 1; DE x1; DK x1; FR x2; NL x1; PL x1	AT x1; ES x1; FR x2; HU x1; IT x1; NL x1	L-ebda defiċit (+8)
4	Modulu tal-Purifikazzjoni tal- Ilma	2	DE x1; DK x1; FR x2	AT x1; BE x1; DE x2	L-ebda defiċit (+6)
5	Modulu tat-Tifi tan-Nar tal- foresti mill-Ajru bl-użu tal- Ajruplani	2	FR x1	FR x1; IT x1	L-ebda differenza numerika (+1), madankollu kien hemm nuqqasijiet kritiċi esperjenzati matul l- istaġun tan-nirien fil-foresti tal-2016 - ara l- kummenti fit-taqsim 3.1 hawn fuq.
6	Kariga Medika Avvanzata	2	CZ x1; RO x1	AT x1; BE x1; ES x1; FR x8	L-ebda defiċit (+11)
7	Kamp Temporanju ta' Emerġenza	2		ES x1	Defiċit ta' 1, kritiku f'għadd ta' xenarji - ara t- taqsim 3.2 hawn fuq.
8	Modulu ta' detezzjoni u kampjunar CBRN	2	DK x1; FR x2; IT x1	BE x1; CZ x1; ES x1; FR x8; LU x1; PL x2	L-ebda defiċit (+16)
9	Modulu tat-Tifi tan-Nar tal- Foresti mill-Art	2	FR x3; GR x1	BG x1; DK x1; ES x1; FR x3	L-ebda defiċit (+8)
10	Tifi tan-Nar tal-Foresti mill-Art bl-użu tal-Vetturi	2	FR x3	AT x3; DK x1; ES x1; FR x13; PL x3	L-ebda defiċit (+22)
11	Tiftix u Salvataġġ Urban f'Kundizzjonijiet CBRN (CBRNUSAR)	1		AT x2; BG x1; DK x1; ES x1; FR x2 ¹⁵	L-ebda defiċit (+6)
12	Kariga Medika Avvanzata bil- Kirurġija	1	IT x1; RO x1	EE x1; IT x 3	L-ebda defiċit (+5)
13	Modulu ta' Trażżin tal-Għargħar	2	DK x1; FR x2; SE x1	AT x2; ES x1; FR x2	L-ebda defiċit (+7)
14	Salvataġġ mill-Għargħar bl-użu tad-Dgħajjes	2	CZ x1; FR x2	AT x3; ES x1; FR x2; LU x1; SI x1	L-ebda defiċit (+8)

¹⁵ Iż-żewġ moduli HUSAR Franċiżi jistgħu jiġu użati bħala CBRNUSAR ukoll. Madankollu, il-moduli HUSAR ma ġewx reġistrati bħala moduli CBRNUSAR u l-konformità tagħhom mal-kriterji tal-kwalità rispettivi ma tistax tiġi garantita f'dan l-istadju.

15	Evakwazzjoni medika mill-ajru tal-vittmi tad-diżastri (MEVAC)	1		DE x1; ES x1; FR x1; GR x1	L-ebda deficiet numeriku (+4), iżda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/762/UE, Anness II, punt 10, jeħtieġ li jiġi rieżaminat - ara t-taqsima 4.2 hawn fuq.
16	Sptar fuq il-post	2		DK x1 ¹⁶	Deficiet ta' 1. Għandhom jiġu kkunsidrati żviluppi fil-kuntest tal-Korp Mediku Ewropew - ara t-taqsima 4.2 hawn fuq, kif ukoll tal-linja 43.
17	Tifi tan-Nar tal-Foresti mill-Ajru bl-użu ta' Ħelikopters (FFFH)	2			Deficiet numeriku ta' 2, iżda rilevanza strateġika baxxa: FFFH fil-biċċa l-kbira tagħhom huma mobilizzati għal użu transfronter fuq distanza qasira, wara talbiet bilaterali. Ġeneralment mhumiex użati biex jipprovdu assistenza internazzjonali f'diżastri 'il bogħod.
Timijiet Tekniċi ta' Assistenza u Appoġġ					
18	Timijiet Tekniċi ta' Assistenza u Appoġġ (TAST)	2	DK x1; DE x1; FI x1; NL x1; SE x1	AT x1; DE x1; EE x1; IS x1; IT x1; LT/LV x1; LU x1; NO x1	L-ebda deficiet (+11)
Kapaċitajiet oħra ta' reazzjoni (elenkati fl-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni)					
19	Timijiet ta' tiftix u salvataġġ fil-muntanji	2		AT x1; ES x1; ME x1; SI x1	L-ebda deficiet (+2)
20	Timijiet ta' tiftix u salvataġġ fl-ilma	2		AT x1; DK x1; ME x1; SI x1	L-ebda deficiet (+2)
21	Timijiet għal tiftix u salvataġġ fl-għerien	2	SI x1	AT x1; ME x1; SI x1	L-ebda deficiet (+2)
22	Timijiet b'tagħmir speċjalizzat għal tiftix u salvataġġ, eż. robots ta' tiftix	2		DK x1 ¹⁷	Deficiet ta' 1, iżda ara n-nota f'qiegħ il-paġna 12. Potenzjalment sinifikanti għal operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ kumplessi, inkluż f'kundizzjonijiet CBRN - ara t-taqsima 4.1 hawn fuq, kif ukoll tal-linja 11.

¹⁶ Il-kapaċità Daniża tikkonsisti minn sptar mobbli modulari/skalabbli, li jista' jiffunzjona bħala Kariga Medika Avvanzata, Kariga Medika Avvanzata b'Kirurġija, u bħala Sptar fuq il-Post. Għall-għan ta' din l-analiżi, ingħadd darba biss bħala Sptar fuq il-Post.

¹⁷ Timijiet mgħammra b'kamas ta' tiftix, kamas termali, tagħmir ta' tiftix akustiku u klieb tas-salvataġġ.

23	Timijiet b'vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ/Sistemi ta' Inġenji tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod	2		DK x1 ¹⁸	Defiċit ta' 1, teħtieġ valutazzjoni ulterjuri - ara t-taqsima 4.3 hawn fuq.
24	Timijiet ta' reazzjoni għal inċidenti marittimi	2	NL x1	BE x1; FR x2	L-ebda defiċit (+2)
25	Timijiet tal-inġinerija strutturali, li jwettqu valutazzjonijiet tal-ħsara u s-sikurezza, il-valutazzjoni ta' bini li għandu jitwaqqa' / jissewwa, il-valutazzjoni ta' infrastruttura, irfid għal żmien qasir	2	IT x1	AT x1; ES x1; SI x1	L-ebda defiċit (+2)
26	Appoġġ fl-evakwazzjonijiet: jinkludi timijiet għall-ġestjoni tal-informazzjoni u l-loġistika	2		DE x1; DK x1, GR x1	L-ebda defiċit (+1)
27	Tifi tan-nar: timijiet konsultattivi/ta' valutazzjoni	2		AT x1; DK x1; GR x1	L-ebda defiċit (+1)
28	Timijiet ta' dekontaminazzjoni CBRN	2	DK x 1	AT x1; FR x1	L-ebda defiċit (+1)
29	Laboratorji mobbli għal emerġenzi ambjentali	2	NL x1	BE x1; DE x1; FR x2	L-ebda defiċit (+3)
30	Timijiet jew pjattaformi ta' komunikazzjoni biex jerġgħu jkunu stabbiliti l-komunikazzjonijiet f'żoni remoti	2			Defiċit ta' 2. Is-sinifikat tad-defiċit jrid jiġi vvalutat - ara t-taqsima 4.4 hawn fuq.
31	Mezzi separati għall-Evakwazzjoni Medika bl-ajru permezz ta' Ajruplani u Ħelikopter fl-Ewropa jew madwar id-dinja	2	LU x1; NL x1; SE x1	Ħelikopters fl-Ewropa: AT x1; ME x1 Ħelikopters u ġettijiet kemm għal ġewwa kif	L-ebda defiċit numeriku (+4), iżda nuqqas potenzjalment sinifikanti għal diżgrazzji tal-massa f'sitwazzjonijiet speċifiċi. Ir-rekwiżiti ġenerali għandhom jiġu rieżaminati fid-dawl ta' dawk għal moduli MEVAC - ara t-taqsima 4.2 hawn fuq, kif

¹⁸ It-tim Daniż huwa mġammar b'vettura tal-ajru mingħajr ekwipaġġ li tista' tiġbed films matul il-jum u f'riħ ħafif.

				ukoll għal barra l-Ewropa: LU x1	ukoll il-linja 15.
32	Kapaċità Miżjuda ta' Kenn: unitajiet għal 250 persuna (50 tinda); inkl. l-unità awtosuffiċjenti għall-ġestjoni tal-persunal	100	SE x1	AT x5; BE x1	Defiċit potenzjalment sinifikanti minħabba kapaċità disponibbli insuffiċjenti fil-livell tal-Istati Parteċipanti - ara t-taqsimu 3.2 hawn fuq, kif ukoll il-linja 7.
33	Kit ta' Kenn b'Kapaċità Miżjuda: unitajiet għal 2 500 persuna (500 tinda); b'għodod li jistgħu jiġu akkwistati lokalment	6		AT x1	
34	Pompi tal-ilma li kapaċi jippumpjaw mill-inqas 800 litru/min	100		DK x20; ME x5; NL ¹⁹	Defiċit numeriku ta' 75, iżda l-għadd għoli ta' moduli ta' ppumpjar ta' kapaċità għolja u l-eżistenza ta' żewġ timijiet ta' ppumpjar estrem ta' kapaċità għolja fl-EERC huwa kkunsidrat li jikkompensa għan-nuqqas ta' assi reġistrati taħt din il-kategorija.
35	Ġeneraturi tal-enerġija ta' 5-150 kW	100		AT x20; DK x10; ME x5; SE x15; NL ²⁰	Defiċit numeriku, madankollu hemm informazzjoni li l-Istati Parteċipanti għandhom aktar riżorsi disponibbli milli indikat għall-iskop ta' dan ir-rapport.
36	Ġeneraturi tal-enerġija ta' aktar minn 150 kW	10		AT x5; DK x1	
37	Kapaċitajiet ta' Kontra t-Tniġġiż tal-Baħar	kif meħtieġ	SE x1 ²¹	DK x1	
Kapaċitajiet oħra ta' reazzjoni meħtieġa biex jindirizzaw ir-riskji identifikati					
38	HCP estrem (≥ 50.000 litru/m)	Mhux applika bbli	BE x1; NL x1		

¹⁹ In-Netherlands jistgħu jagħmlu pompi tal-ilma li kapaċi jippumpjaw mill-inqas 800 litru/min disponibbli fuq bażi ta' każ b'każ. Madankollu, mhuwiex possibbli li tiġi stmata l-kapaċità nazzjonali, sa issa l-iskop ta' din l-analiżi mhuwiex ikkunsidrat.

²⁰ In-Netherlands jistgħu jagħmlu ġeneraturi tal-enerġija ta' 5–150 kW disponibbli fuq bażi ta' każ b'każ. Madankollu, mhuwiex possibbli li tiġi stmata l-kapaċità nazzjonali, sa issa l-iskop ta' din l-analiżi mhuwiex ikkunsidrat.

²¹ Reazzjoni mil-linja tal-kosta.

39	Il-Help Desk tal-ICT	Mhux applikabbli	SE x 1	DK x1	
40	Kapaċità tal-Inġinerija Permanenti	Mhux applikabbli	DE x 1		
41	Tim Mediku ta' Emerġenza (EMT) tat-Tip 1	Mhux applikabbli			
42	Tim Mediku ta' Emerġenza (EMT) tat-Tip 2	Mhux applikabbli	ES x1; FR x1; BE x1		
43	Tim Mediku ta' Emerġenza (EMT) tat-Tip 3	Mhux applikabbli			Il-mira għadha mhux stabbilita - ara t-taqsima 4.2 hawn fuq.
44	Sptar ta' iżolament għal mard infettiv	Mhux applikabbli	DE x1		
45	Laboratorji tal-bijosikurezza mobbli	Mhux applikabbli	BE x1; DE x1		